KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wieħed u Tletin (31)***

***It-Tlieta, 18 ta' Mejju, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali fis-sagħtejn u nofs ta' wara Nofsinhar (2:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**31.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 31 (08) – Mejju 2021***

31.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 31(08) biċ-ċekkijiet numru 7167 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9937 sa 9967 li jammontaw €39,421.98

31.1.2 **Mozzjoni 31-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 31(08) bl-ammont ta' €39,421.98

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 31(08) ġiet approvata unanimament.

31.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li hemm il-pagament tar-Restawr tal-istatwa ta' Santu Rokku ċċertifikat mill-Perit u għaldaqstant se jkunu qed jinbdew il-proċeduri biex il-kuntrattur jitħallas mill-fondi Ewropej. Il-Kunsill approva.

Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-plateax design li kienu bagħtu TM għal Triq San Filippu. Il-Kunsill qabel li id-disinn huwa s-soluzzjoni għal dik iż-żona għaldaqstant qablu fil-prinċipju li jibdew id-diskussjonijiet biex din issir.

Is-Sindku Darren Abela qal ukoll li wara li nġiebet kwotazzjoni għal 'Merħba Sign' li se jammontaw €2,867.40 ppropona li jsiru. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir disabled parking quddiem id-Dar il-ġdida tal-anzjani. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir camera fil-ħruġ minn Triq Tumbarellu minħabba l-ammont ta' parkeġġ illegali li jkun hemm. Il-Kunsill qabel unanimament li titwaħħal camera li tiġi ssorveljata mill-LESA.

*Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 24 ta' Mejju 2021 fil-5.30pm*

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.15pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 31**

**Mozzjoni Ref:** 31-01

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti – Mejju 2021

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 18 ta' Mejju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**